**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

**SEBA' LEĠISLATURA**

# Laqgħa Numru 59

**10 ta' Lulju, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-Ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 59.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**59.1.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

**59.2.1** Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**59.2.2** Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier L Cachia Castelletti ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Frank Roe issekonda.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

### 59.3 Attivitajiet kulturali

**59.3.1** Is-Sindku Max Zammit xtaq jara **jekk il-president ta Malta hiex disponibbli li tiġi ghal *press conference* peress li ha tkun qiegħda tattendi l-attivita *Connecting through Culture*. Huwa kompla jghid li ir-reklamar ta din l-attivita ghandu jenfasiżża fuq il-fatt li ha jiżdiedu l-ambaxxati li ha jippartecipaw. Għaldaqstant din l-attivita tgħaqqad il-kultura ta Ta' Xbiex. Il-Kunsillier L Cachia Castelleti qalet li wasal iż-żmien li nibdew nirreklamaw din l-attivita fuq facebook.**

**Il-Kunsillier E Muscat qal li għal attivita ta' *Connecting through Culture* għandna insibu lil xi ħadd li jagħmel il-ġbejniet dak il-ħin u mhux xi ħadd li jbiegħhom lesti.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.**

**59.3.2** **Il-Kunsill qabel ukoll li l-ikel li ma jigiex ikkunsmat fl-attivita' ta' Jum Ta' Xbiex ghandu jintuża għal festin żgħir li jsir wara il-quddies tal-Ħadd.**

**59.3.4** **Is-Sindku Max Zamit fuq suġġeriment tal-Vici Sindku R Portelli ippropona wkoll li għandna nistiednu lis-Sindku ta Rocca S. Stefano li miegħu għandna il-ġemellag għal attivitajiet kulturali li ħa jkun qiegħed itella il-kunsill. Is-Sindku propona li l-kunsill għandu jħallas ta' l-akkomodazzjoni tas-Sindku ta Rocca S. Stefano.**

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**59.3.5**

Is-Segretarju Eżekuttiv fetaħ in-nomini għal Gieħ ta' Xbiex.

Gew Innominati is-segwenti:

Is-Sinjura Sonia Young li twieldet fit 22 ta Awwissu tal-1957.

Is-Sinjur Pullu Cassar li twieled fl-4 ta Novembru 1950.

Is- Sinjura Lilian Miceli Farruggia li kienet inagħtat Gieħ Ta' Xbiex u allura ma setgħetx tigi ikkunsidrata.

Il-Kunsill qabel li il-persuni li gew nominati huma kollha persuni validi u li taw kontribut siewi lil Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel ukoll li jinnomina lil Barunessa Jane Testaferrata Moroni Viani li twieldet fit-22 ta Jannar 1933 ghal kontribut li tagħti fil-Lokal.

## 59.4 Immaniġjar tal-iskart ġewwa Ta' Xbiex.

**59.4.1** Is-Sindku Max Zammit informa lil kunsill li is-Segretarju Ezekuttiv infurmah li l-*expression of interest* għal ġbir tal-borża il-griża ħa tkun qiegħda tagħlaq nhar it-tlieta 25 ta Lulju. Dan id-dokument jinkludi wkoll li l-offerti ħa jigu miftuħin dakinhar f'nofs inhar kif jagħlaq il-ħin stabbilit biex jiddaħlu tali offerti.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**59.4.2** Is-Sindku informa lil Kunsill li Green Mt kienu baghtu ittra lir-Residenti ta' Ta' Xbiex biex jifurmawhom li kienet ser titwaqqaf il-ġabra tal-borża il-griża kull nhar ta amis. Dan sar bil-logo tal-kunsill izda minghajr ebda approvazzjoni. Is-Sindku stqarr li ma jhossx li din kienet ġusta mal-Kunsill u għalsaqstant jixtieq li tintbagħt ittra mil-Green MT fejn jispjegaw li dan kien żball u li l-borża il-griża ħa tibqa tinġabar kif dejjem sar.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 59.5 Rapporti mill-Kunsilliera

**59.5.1** Il-Kunsillier F Roe innota xi nuqqasijiet minn naħa tal-kuntrattur li huwa responsabbli u jsaqqi il-pjanti. Huwa qal li dan qiegħed itajjar ħafna ilma biex isaqqi u b'hekk jimla it-triq kollha. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li hemm ammont ta pjanti li mhumiex qiegħdin jissaqqew u allura dawn qiegħdin imutu.

Il-kunsill qabel li il-kuntrattur għandu jkun iktar galbuz fit-tisqija tieghu u li ghandha tinagħta attenzjoni lil pjanti li qiegħdin imutu.

## 59.6 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir il-Ħamis 10 ta’ Awwissu, 2017 fl-4.30 ta’ filgħaxija.

**59.7.1 Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta’ filgħaxija.**

**Konfermati, illum it-Tnejn 10 ta’ Lulju, 2017.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit** | **Clayton Xuereb** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |